



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Novembru 2020  
(OR. en)

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2020/0306(COD)**

---

**12529/20**  
**ADD 4**

**UD 326**  
**CODEC 1084**  
**ENFOCUSTOM 108**  
**COMER 161**  
**ECOFIN 990**  
**TRANS 508**  
**IA 79**  
**MI 445**

#### **NOTA TA' TRASMISSJONI**

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           |
|-------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                                                                                                                                                                                                 |
| data meta waslet: | 29 ta' Ottubru 2020                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |
| lil:              | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                                                       |
| Nru dok. Cion:    | SWD(2020) 239 final                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |
| Suġġett:          | DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI<br>SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2020) 239 final.

Mehmuż: SWD(2020) 239 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.10.2020  
SWD(2020) 239 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**  
**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**li jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda  
r-Regolament (UE) Nru 952/2013**

{COM(2020) 673 final} - {SEC(2020) 360 final} - {SWD(2020) 237 final} -  
{SWD(2020) 238 final}

## Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt dwar l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għall-inizjattiva tad-Dwana

### A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

#### Għaliex? X'inhil l-problema li qed tiġi indirizzata?

Il-fluss bla xkiel tal-kummerċ transfruntier jeħtieġ proċeduri ta' żdoganar tal-merkanzija u ta' kontroll effiċjenti li jiżguraw is-sikurezza u s-sigurtà tan-nies u n-negozji fl-UE. Dan qed jinkiseb parzjalment permezz tas-sistemi elettroniċi awtorizzati mill-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, li qegħdin jissostitwixxu l-proċeduri bbażati fuq il-karti b'dawk elettroniċi. Madankollu, aktar minn 60 att mhux doganali tal-UE kif ukoll leġislazzjoni nazzjonali mhux doganali (fl-oqsma tas-saħħa u s-sikurezza, tal-ambjent, tal-agrikoltura, tas-sajd, tal-patrimonju internazzjonali, tas-sorveljanza tas-suq, eċċ.) jridu wkoll jiġu infurzati fil-fruntieri esterni. Dan jeħtieġ dokumenti oħra għajr id-dikjarazzjonijiet doganali u jaffettwa sa 13 % tal-kważi 300 miljun moviment ta' merkanzija kull sena, li ħafna minnhom huma sensittivi ħafna. Peress li l-awtoritajiet ta' spiss jaħdmu f'sajlos, b'sistemi u bi proċessi mhux allinjati, bosta merkanzija tiġi trattata b'modi li huma ineffiċjenti, u li jwasslu għal żbalji u frodi. Pereżempju, xi awtorizzazzjonijiet jippermettu li l-kwantitajiet ta' merkanzija jinqasmu bejn diversi dikjarazzjonijiet doganali u huma validi madwar l-UE kollha. Filwaqt li jeħtieġ li l-awtoritajiet jivvalidaw il-kwantitajiet użati, il-kontrolli manwali jieħdu ħafna ħin u mhumiex preċiżi biżżejjed. Dawn il-problemi ma jistgħux jiġu solvuti mingħajr azzjoni għda mill-UE, parzjalment minħabba li huma relatati mal-formalitajiet tal-UE. L-isforzi nazzjonali ta' spiss ikunu wkoll frammentati u jistgħu jaggravaw il-problema minħabba nuqqas ta' interoperabbiltà u minħabba n-natura transfruntiera tal-kummerċ. L-aktar inizjattiva rilevanti tal-UE f'dan il-qasam, is-CSW-CERTEX tal-UE, kellha xi suċċess iżda hija biss volontarja u għandha kamp ta' applikazzjoni limitat.

#### X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

L-oġġettiv ġenerali huwa li jittejjeb l-infurzar tar-rekwiżiti regolatorji għal protezzjoni msaħħa tal-UE u biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ internazzjonali. Sabiex jintlaħaq dan l-oġġettiv, l-inizjattiva se:

- tiddefinixxi qafas ta' governanza għal kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet kompetenti tad-dwana u l-awtoritajiet kompetenti sħab u se tiżviluppa soluzzjonijiet interoperabbli fejn dan ikun ta' benefiċċju u xieraq;
- ittejjeb il-prattiki ta' ħidma bejn l-awtoritajiet regolatorji involuti fil-kummerċ internazzjonali biex jippermettu proċessi aktar awtomatizzati, elettroniċi u integrati biex jittrattaw l-iżdoganar tal-merkanzija;
- tiddetermina qafas għall-armonizzazzjoni tad-data u tippermetti l-użu mill-għdid tad-data sabiex jitwettqu l-formalitajiet differenti meħtieġa mill-awtoritajiet doganali u mhux doganali għall-kummerċ internazzjonali.

#### X'inhil l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Il-problemi identifikati huma intrinsikament transnazzjonali, peress li jinvolvu l-moviment transfruntier tal-merkanzija, u kwalunkwe żball jew frodi li jseħħ fi Stat Membru individwali jista' jkollu impatt madwar l-UE kollha. L-UE, minħabba r-responsabbiltà tagħha għall-Unjoni Doganali u għar-rekwiżiti regolatorji mhux doganali inkwistjoni, tinsab f'pożizzjoni tajba biex tikkordina l-azzjoni, tindirizza l-frammentazzjoni u tiġġenera ekonomiji ta' skala. Intwera li l-azzjoni eżistenti u mistennija mhijiex adegwata, minħabba li: (i) il-frammentazzjoni/in-nuqqas ta' interoperabbiltà kontinwa tillimita l-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni gradwali; (ii) l-inizjattivi nazzjonali jkunu f'tit minħabba restrizzjonijiet ta' riżorsi u ma jippermettux ċerti funzjonijiet ewlenin bħall-ġestjoni tal-kwantità fil-livell tal-UE; u (iii) s-CSW-CERTEX tal-UE (inizjattiva volontarja) tiflew il-momentum jekk ma tkunx segwita b'azzjoni obligatorja.

### B. Soluzzjonijiet

#### X'għażliet ta' politika leġislattivi u mhux leġislattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?

Ġew identifikati tmien għażliet politiċi. Dawn ma jiffurmawx lista li minnha tista' tintgħażel għażla waħda, iżda pjuttost jaqgħu taħt tliet kategoriji wesgħin, li jistgħu jinġabru f'pakkett biex jiffurmaw għażla politika futura:

- Il-kategorija I (l-għażliet 1-4; taħlita ta' għażliet possibbli): l-għażliet għal kooperazzjoni bejn gvern u gvern li jagħmluha aktar faċli għall-awtoritajiet kompetenti tad-dwana u l-awtoritajiet kompetenti sħab biex jikkondividu l-informazzjoni. Kull għażla għandha kamp ta' applikazzjoni differenti. L-għażla 1 tagħmel lis-CSW-CERTEX tal-UE obligatorju u tkopri r-rekwiżiti regolatorji tal-UE ġestiti fil-livell tal-UE, filwaqt li tipprovdli funzjonalità awtomatizzata tal-ġestjoni tal-kwantità. L-għażla 2 tkopri r-rekwiżiti regolatorji tal-UE ġestiti fis-sistemi elettroniċi nazzjonali. L-għażla 3 tkopri r-rekwiżiti regolatorji nazzjonali, u l-għażla 4 tkopri d-dokumenti tal-pajjiżi terzi.
- Il-Kategorija II (l-għażliet 5-7; hija possibbli għażla waħda biss): l-għażliet għall-kooperazzjoni bejn in-negozji u l-gvern bil-għan li jittejjbu l-interazzjonijiet tal-operaturi ekonomiċi mal-awtoritajiet. L-għażla 5 tistabbilixxi portal tan-negozjanti armonizzati għall-ġestjoni taċ-ċertifikati tal-UE. L-għażla 6 tistabbilixxi twieqi uniċi fil-livell nazzjonali biex tipprovdli lill-operaturi ekonomiċi b'punti ta' aċċess armonizzati. L-għażla 7 tistabbilixxi punt ta' dħul uniku fil-livell tal-UE.
- Il-kategorija III (l-għażla 8): l-għażla trasversali biex jiġi ssimplifikat il-mod kif l-awtoritajiet kompetenti tad-dwana u l-awtoritajiet kompetenti sħab jidentifikaw l-operaturi ekonomiċi. Din tkun tiddependi fuq l-użu estiż tas-sistema eżistenti tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (EORI), jew għar-reġistrazzjoni u l-validazzjoni (8i) jew inkella għall-validazzjoni biss (8ii).

l-għażliet 1, 2, 6, 7 u 8ii inżammu għal analiżi fil-fond abbażi tal-eżerċizzju tal-iskrinjar. L-analiżi tal-impatt identifikat impatti ta' natura simili għall-għażliet kollha. L-impatti ekonomiċi diretti jkunu jinkludu kostijiet ta' implimentazzjoni ta' darba u kostijiet rikorrenti, u ffrankar minn piż amministrattiv imnaqqas għall-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet kompetenti sħab u l-operaturi ekonomiċi meta jinfurzu il-leġiżlazzjoni tal-UE u jieħdu ħsieb l-iżdoganar tal-merkanzija. Jinkisbu wkoll xi benefiċċji kummerċjali (mhux kwantifikabbli). It-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-iffaċilitar tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-iżdoganar tal-merkanzija għandhom itejbew wkoll il-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju u jnaqqsu l-każijiet ta' frodi u ta' żball uman. Dan imbagħad iwassal għal titjib tal-konformità mal-leġiżlazzjoni mhux doganali u l-infurzar tagħha, u jiġġenera benefiċċji soċjali u ambjentali relatati.

Pakketti ta' għażliet differenti ġew imqabbla f'termini ta' effettività (jiġifieri l-infurzar tar-rekwiżiti regolatorji rilevanti u l-iffaċilitar tal-kummerċ), l-effiċjenza, il-koerenza ma' politiki oħra u l-proporzjonalità biex tiġi identifikata l-għażla ppreferuta. Dan wera li l-akbar benefiċċji kienu possibbli biss minn pakketti li jinkludu kemm l-għażliet tal-kategorija I kif ukoll tal-kategorija II, filwaqt li l-għażla 8 (ii) iżżid b'mod inkrementali ma' kwalunkwe pakkett. L-għażliet 1 u 6 instabu li kienu kosteffettivi, koerenti u proporzjonati, filwaqt li l-għażliet 2 u (speċjalment) 7 kienu problematiċi ħafna f'dawn l-aspetti. Il-pakkett preferut huwa għalhekk l-għażliet 1+6+8(ii).

### Liema għażla u min jappoġġaha?

- Matul il-konsultazzjoni estensiva, l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-operaturi ekonomiċi esprimew il-fehmiet li ġejjin:
- L-għażla 1: appoġġ kważi unanimu, abbażi tas-suċċess bi prova tal-predeċessor tagħha s-CSW-CERTEX tal-UE, tal-benefiċċji importanti mistennija u tal-kostijiet ta' implimentazzjoni relattivament limitati.
  - L-għażla 2: appoġġ limitat biss, minħabba l-kumplessità u l-kostijiet għoljin tal-implimentazzjoni tagħha, u l-benefiċċji limitati.
  - L-għażla 6: appoġġ moderat għal qawwi. L-operaturi ekonomiċi apprezżaw il-ħila li tiffaċilita l-kummerċ minħabba li twettaq bis-sħiħ il-kunċett ta' tieqa unika billi tipprovdni punt ta' aċċess uniku sabiex jiġu indirizzati r-rekwiżiti tal-iżdoganar.
  - L-għażla 7: appoġġ limitat ħafna minħabba l-kumplessità u l-kostijiet għoljin ħafna tagħha. L-operaturi ekonomiċi qisuha bħala pożittiva minħabba l-ħila tagħha li tissimplifika u tarmonizza l-proċessi doganali madwar l-UE.
  - L-għażla 8(ii): għalkemm il-kamp ta' applikazzjoni tagħha huwa limitat, għandha l-appoġġ minn kważi l-partijiet ikkonċernati kollha bħala mod kif jiġu ssimplifikati l-proċessi.

### C. Impatti tal-għażla ppreferuta

#### X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Il-pakkett ta' politika preferut tal-għażliet 1+6+8ii joffri diversi vantaġġi relattivi. Dan irċieva l-oġhla livelli ta' appoġġ mill-partijiet ikkonċernati. Huwa mistenni wkoll li jiġġenera benefiċċji ekonomiċi diretti sinifikanti, li jammontaw għal EUR 209,4 miljun sa EUR 311,5 miljun fis-sena ladarba jkun operazzjonali għalkollox (jiġifieri wara implimentazzjoni gradwali tul 7 snin). Filwaqt li l-benefiċċju ekonomiku totali huwa inqas minn dak għall-pakketti tal-għażliet l-aktar espansivi, il-valur għall-flus tal-pakkett tal-għażliet ippreferuti huwa kważi darba u nofs oġhla (1.5), li juri l-proporzjonalità tiegħu. Dan minbarra l-benefiċċji kummerċjali usa' li x'aktarx ikunu sostanzjali iżda ma jistgħux jiġu kkwantifikati. F'termini ta' impatti ambjentali u soċjali, dan il-pakkett jikkombina l-benefiċċji ewlenin tal-għażla 1 ma' kisbiet addizzjonali miż-żieda fl-armonizzazzjoni tad-data u l-interoperabbiltà mistennija mill-għażla 6, kif ukoll benefiċċji inkrementali mill-għażla 8(ii) relatati ma' identifikazzjoni aħjar tal-operaturi ekonomiċi. Jekk ma tiġix inkluża l-għażla 2, jintilfu biss benefiċċji minuri. B'mod ġenerali, jista' jingħad li dan il-pakkett jimmassimizza l-kapaċità tal-UE li taġixxi bħala katalista għall-kunċett ta' tieqa unika, billi jipprovdni qafas għall-implimentazzjoni tal-politika tal-UE b'mod effettiv u proporzjonat, u billi juri l-valur għall-flus.

#### X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Il-kostijiet tal-implimentazzjoni ta' darba u dawk rikorrenti jitħallsu mill-Kummissjoni Ewropea, mill-awtoritajiet nazzjonali. Il-kostijiet tal-implimentazzjoni jinkludu l-infiq fuq l-IT, il-ġestjoni tal-bidla fil-proċessi, it-taħriġ u l-appoġġ, u huma mistennija li jiġu mqassma f'fażijiet fuq perjodu ta' 7 snin. Aktar tard, il-kostijiet rikorrenti se jinkludu l-manutenzjoni, l-aġġornamenti perjoċi, l-appoġġ u l-operazzjonijiet ta' kuljum. Il-kostijiet stmati huma (f'miljuni ta' EUR, f'meded baxxi u għoljin minbarra l-kostijiet tal-KE):

|                                                                          |                                          |                  |                                                                                |                                          |                |
|--------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------|------------------|--------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------|----------------|
| It-total għall-implimentazzjoni gradwali, mill-ewwel sena sas-seba' sena | KE                                       | 64,73            | Total annwali ladarba operazzjonali għalkollox, mit-tmien (8) sena 'il quddiem | KE                                       | 6,35           |
|                                                                          | Total tal-awtoritajiet tal-Istati Membri | 64,38 sa 127,73  |                                                                                | Total tal-awtoritajiet tal-Istati Membri | 5,91 sa 11,75  |
|                                                                          | Total                                    | 129,11 sa 192,46 |                                                                                | Total                                    | 12,26 sa 18,10 |

#### Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

Il-problemi ewlenin jaffettwaw lin-negozji, speċjalment lill-SMEs, u l-inizjattiva għalhekk tiffoka fuq l-iffaċilitar tal-kummerċ u t-naqqis tal-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari billi jiġi ffrankat il-ħin u l-iżdoganar isir aktar sempliċi u aktar awtomatizzat. Huwa stmat li l-pakkett tal-għażla ppreferuta jwassal għal benefiċċji għall-operaturi ekonomiċi ta' EUR 494,1 miljun sa EUR 688,4 miljun matul is-seba' (7) snin ta' implimentazzjoni f'fażijiet, segwiti minn benefiċċji annwali ta' EUR 141,2 miljun sa EUR 196,7 miljun, minbarra l-benefiċċji kummerċjali li ma setgħux jiġu kkwantifikati. Peress li n-negozji mhumiex se jkunu meħtieġa jixtru tagħmir ġdid jew jadottaw malajr proċessi ġodda, il-kostijiet jitqiesu negliġibbli.

#### Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

L-inizjattiva tikseb vantaġġ mill-potenzjal tal-Kummissjoni li tiġġenera ekonomiji ta' skala. Madankollu, hemm kostijiet sinifikanti għall-amministrazzjonijiet f'termini tal-infiq fuq hardware u software tal-IT, tal-ġestjoni tat-tibdil fil-proċessi,

|                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| tat-taħriġ u l-appoġġ, kif spjegat hawn fuq.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
| <b>Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                 |
| Konsultazzjoni estensiva mal-partijiet ikkonċernati u eżami ta' inizjattivi simili fi Stati Membri oħrajn ma indikaw l-ebda impatt lil hinn minn dawk li ġew identifikati. Filwaqt li jistgħu jinqalgħu kwistjonijiet dwar il-protezzjoni u s-sigurtà tad- <i>data</i> tal-operaturi ekonomiċi, dawn se jiġu indirizzati skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.                             |
| <b>D. Segwitu</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |
| <b>Meta se tiġi rieżaminata l-politika?</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
| Ġew żviluppati pjanijiet ta' monitoraġġ regolari u ta' evalwazzjoni perjodiċi. Tal-ewwel se tiddependi fuq sorsi kemm fil-livell tal-UE (pereżempju r-riżultati tal-IT u l-istatistika) kif ukoll fil-livell nazzjonali (pereżempju d- <i>data</i> dwar il-ħinijiet tal-iżdoganar). L-evalwazzjoni se ssir 6 snin wara d-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni u kull 3 snin minn hemm 'il quddiem. |